# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 31 ta' Lulju 2025**

**Nru: 3**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1206/2020**

## MDM Costruzioni Generali srl

## v

## United Equipment Company (UNEC) Ltd
## u
## Bonnici Bros Contractors Ltd
## għal kull interess li jista' jkollha

**Daħla**

1. MDM Costruzioni Generali srl ("MDM") kienet għal xi żmien tinnegozja bħala *joint venturer* ma' Bonnici Bros Contractors Ltd ("BBC"). MDM u BBC kienu jinnegozjaw flimkien taħt l-isem BM Tunnel JV. Skont MDM in-negozju attiv tal-*joint venture* spiċċa madwar is-sena 2015.

2. Fil-11 ta' Novembru 2019, United Equipment Company (UNEC) Ltd ("UNEC") kienet ressqet numru ta' ittri uffiċjali 'ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12' indirizzati lil "BM Tunnel JV", fl-indirizz c/o Bonnici House, Sardine Street, Burmarrad, San Pawl il-

Bahar.[1] Jidher mir-riferti li l-ittri ġew notifikati fil-15 ta' Novembru 2019, preżumibbilment fl-imsemmi indirizz; u li ġew reżi eżekuttivi fl-20 ta' Novembru 2019.[2]

3. Fit-13 ta' Marzu 2020 UNEC ottjeniet il-ħruġ ta' mandati ta' sekwestru fl-ismijiet 'United Equipment Company (UNEC) Ltd v BM Tunnels JV konsorzju magħmul minn (i) Bonnici Bros. Contractors Ltd (C21406); u (ii) MDM Costruzioni Generali srl (Codice Fiscale 03881750651)'. L-indirizz tal-intimati kien indikat bħala l-istess Bonnici House. Il-mandati ġew notifikati fis-16 ta' Marzu 2020.[3]

4. Wara l-mandati saru varji depożiti.[4] Mhux ċar jekk dawn id-depożiti ġewx żbankati,[5] imma MDM qegħda titlob (fost affarijiet oħra) li UNEC tiġ kkundannata li tħallas lura kull ammont li hi żbankat mill-ammonti hekk depożitati.

5. MDM tgħid li l-ittri uffiċjali m'humiex titolu eżekuttiv u li huma nulli. Tressaq varji raġunijiet biex issostni l-każ tagħha, li jistgħu jinġabru hekk:

   a. l-ittri uffiċjali ma setgħux jitressqu kontra BM Tunnel JV, għaliex din mhix entità li għandha personalità ġuridika;

   b. MDM kienet assenti minn Malta meta ntbagħtu l-ittri uffiċjali u, allura, il-proċedura skont l-artikolu 166A ma setgħetx tintuża;

   c. UNEC abbużat mill-proċedura skont l-artikolu 166A meta, minflok għamlet kawża normali għall-ammont kollu li kienet qed tippretendi, spezzettat l-istess pretensjoni f'dsatax-il biċċa biex tkun tista' tippreżenta ittra uffiċjali għal kull biċċa fil-limitu tal-artikolu 166A;

---

[1] Dettalji tal-ittri uffiċjali jinstabu f'paragrafu 5 tar-rikors ġuramentat; u kopji tagħhom jinstabu f'paġni 103 sa 139

[2] *Ibid.*

[3] Ara paġna 140 *et seq.*

[4] Ara rikors ġuramenta, paragrafu 13.

[5] Fir-rispsta ta' BBC jingħad li attentati minn MDM biex l-iżbanki ma jitħallewx isiru, ma rnexxewx: ara paragrafu 4(ċ), paġna 30. U UNEC annettiet il-varji digrieti li laqgħu t-talbiet tagħha biex tiżbanka. Il-qorti għalhekk tassumi li żbanki, jew l-iżbanki mitluba, saru.

d. MDM ma ġietx notifikata bl-ittri uffiċjali;

e. MDM ma ġietx notifikata bil-mandati;

f. it-tibdil mill-ittri uffiċjali għall-mandati hu abbużiv;

g. UNEC mhix kreditriċi ta' MDM jew ta' BBC u lanqas, jekk inhu possibbli, tal-*joint venture*; u

h. il-proċedura skont l-artikolu 166A ġiet abbużata minn UNEC u minn BBC, li huma kumpanniji fl-istess grupp ta' kumpanniji.

6. MDM qegħda għalhekk titlob lill-qorti tiddikjara li t-titoli eżekuttivi ottenuti bis-saħħa tal-ittri uffiċjali huma nulli; sussidjarjament li t-titoli eżekuttivi ġew ottenuti b'qerq u b'abbuż tal-artikolu 166A; tirrexxindi, jekk hemm bżonn, l-atti kollha sussegwenti għall-ittri uffiċjali; u tikkundanna lil UNEC tħallas lura kull ammont li tkun żbankat. Dan kollu bl-ispejjeż u b'riserva ta' kull azzjoni oħra li jista; jkollha MDM.

7. Fil-verbal tat-2 ta' Ġunju 2021 kien ġie deċiż li l-qorti għandha l-ewwel tagħti sentenza dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' BBC u l-ewwel ħames eċċezzjonijiet ta' UNEC.

8. L-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' BBC huma dawn:

i. Illi preliminarjament trid tinġab il-prova tal-prokura tar-rappreżentazzjoni tas-soċjeta' attriċi fil-mument tal-intavolar tal-kawża de quo, stante li fin-nuqqas hemm lok ta' dikjarazzjoni ta' nullita' tal-proċeduri odjerni;

ii. Illi l-irritwalita', u l-konsegwenti nullita', tal-proċeduri odjerni stante li dawn mhumiex proċeduri kontemplati fil-liġi nostrana;

iii. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-nullita' tal-proċeduri odjerni stante li huma bbażati fuq premessi konfużi u mhuwa ċar xejn fuq liema bażi legali qed jiġu proposti. Is-soċjeta' attriċi għandha tindika b'mod ċar il-bażi tal-azzjoni tagħha u s-soċjeta' esponenti tirriserva d-dritt li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jiġu speċifikati l-artikoli tal-liġi de quo;

9. L-ewwel ħames eċċezzjonijiet ta' UNEC huma dawn:

i. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament is-socjeta' esponenti tinvoka n-nullita' tar-rikors guramentat tas-socjeta' attrici. Ir-rikors promotur gie mahluf mill-Avv. Robert Tufigno, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 191657M, bhala prokuratur tal-istess socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici ma sottometiet ebda prova sabiex tissostanzja l-fatt, o meno, li l-istess Avv. Robert Tufigno ghandu r-rappreżentanza ġuridika tas-socjeta' attrici. Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti qed tinvoka n-nullita' tar-rikors promottur u tal-azzjoni odjerna;

ii. Illi fit-tieni lok u preliminarjament ukoll ir-rikors huwa null peress li qabel ma giet istitwita l-kawza odjerna ma gewx imħallsa d-drittijiet u l-hlasijiet in konnessjoni ma' kawza ohra fuq l-istess mertu fl-ismijiet "MDM Costruzioni Generali SRL vs United Equipment Company (UNEC) Limited (Rik Ġur 1189/20 GM)";

iii. Illi fit-tielet lok u in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija nulla u rritwali stante li r-rikors guramentat odjern huwa konfuz u t-talbiet huma redatti b'tali mod u manjiera illi ma huwiex possibbli ghall-esponenti li tiddetermina l-bazi tal-azzjoni attrici. Konsegwentement is-soċjeta' esponenti qed issofri pregudizzju peress li mhux f'posizzjoni li tkun tista' tiddefendi ruhha adegwatament ghall-allegazzjonijiet tas-soċjeta' attriċi. Is-socjeta' esponenti ghandha numru ta' titoli ezekuttivi kif ukoll il-mandati relattivi fil-konfront tas-socjeta' attrici u l-istess socjeta' attrici ma indikatx fir-rikors promotur a bazi ta' liema ligi jew artiklu tal-ligi li qed tipprova tattaka l-istess titoli;

iv. Illi, in linea preliminari u assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talbiet tas-soċjeta' attriċi ghar-rexxissjoni u d-dikjarazzjoni ta' nullita' ta' titoli ezekuttivi ottjenuti mill-esponenti abbazi tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li hija l-Qorti tal-Magistrati li hija vestita b'din il-kompetenza;

v. Illi minghajr preguddizzju ghas-suespost din l-azzjoni hija inproponibbli u ghandha tfalli peress illi s-socjeta' attrici m'ghandha ebda jedd fil-ligi tattaka f'dan l-istadju titolu ezekuttiv li s-socjeta' esponenti diga otjeniet skont il-ligi. Is-socjeta' attrici hellha rimedji x'tezercita kieku riedet tipprevenji l-hrug tat-titolu ezekuttiv, imma dan ir-rimedju ma giex ezercitat. F'dan l-istadju ma hemm **ebda** procedura li tista' tinvoka l-attriċi biex taghmel dan;

10. L-ewwel eċċezzjoni ġiet irtirata.[6]

**Jeżisti r-rimedju mitlub?**

11. Fit-tieni eċċezzjoni ta' BBC u l-ħames eċċezzjoni ta' UNEC dak li qed jingħad hu li MDM kellha rimedju wieħed, u wieħed biss, biex titlob li jitwarrbu t-titoli eżekuttivi li ottjeniet UNEC. Ir-rimedju, skont BBC u UNEC, hu dak imfisser fl-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12. Dan jgħid hekk:

[6] Ara verbal tad-19 ta' Novembru 2024.

> (5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta’ rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta’ xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:
>
> (i) li d-debitur ma kienx jaf b’dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew
>
> (ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):
>
> B’dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn.

12. Iżda relevanti ukoll huma l-artikoli 166A(6) u (7), li jgħidu hekk:

> (6) Ebda oppożizzjoni, ħlief dik li hemm speċifikament provdut dwarha fis-subartikolu (5), ma għandha twaqqaf il-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta’ xi att eżekuttiv li jinkiseb taħt dak is-subartikolu jew il-ħlas tar-rikavat ta’ xi mandat jew bejgħ b’irkant li jsir konformement ma’ dan.
>
> (7) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan l-artikolu, meta ittra uffiċjali ppreżentata skont dan l-artikolu ma tiġix notifikata fuq id-debitur f’sitt xhur minn meta l-istess ittra tiġi ppreżentata, il-proċedura provduta f’dan l-artikolu ma tibqax tapplika mingħajr preġudizzju għall-jedd tal-kreditur li jkun jista’ jippreżenta ittra uffiċjali oħra skont dan l-artikolu b’referenza għall-istess debitu.

13. F’*Azzopardi et v Pace et*[7], l-atturi kienu ġew mgħarrfa bl-ittra uffiċjali mressqa skont l-artikolu 166A, u ma kkontestawhiex skont il-proċedura li hemm fis-subartikolu (4). Eventwalment, wara li tressaq att eżekuttiv, huma ttentaw ir-rimedju skont is-subartikolu (5), u dan ukoll ġie miċħud. Fl-aħħar ressqu kawża quddiem din il-qorti ibbażata fuq l-artikolu 32 tal-Kap. 12.[8] Intqal fis-sentenza li r-rimedju fis-subartikolu (5), partikularment fid-dawl ta’ dak li jingħad fis-subartikolu (6), kien, fiċ-ċirkostanzi ta’ dak il-każ, jeskludi dak ġenerali.[9]

14. Il-qorti ma tarax li hemm wisq x’jingħad, fil-prinċipju, dwar dan il-punt. Safejn dak li qegħda titlob MDM jaqa’ fil-parametri tal-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12, din il-kawża ma tistax titkompla, għaliex dak ir-rimedju hu wieħed esklussiv. Iżda hemm differenza fattwali

---

[7] 692/2012, Qorti tal-Appell, deċ 22 ta’ Ġunju 2022.
[8] Dan il-punt diffiċli jinftiehem. L-artikolu 32 tal-Kap. 12 hu dwar il-ġurisdizzjoni tal-qorti. Kien hemm, wieħed jassumi, il-ħtieġa ta’ indikazzjoni ta’ dritt sostantiv; iżda dan ma joħroġx ċar.
[9] Il-punt imsemmi hawn iktar li joħroġ ċar hu fis-sentensa tal-prim’istanza.

bejn din il-kawża u dik ta' *Azzopardi v Pace*. F'din il-kawża, MDM qegħda tgħid (fost diversi affarijiet oħra) li hi qatt ma ġiet notifikata bl-ittri uffiċjali. Jekk dan hu minnu, jista' jkun li japplika l-artikolu 166A(7), li jrid jitħaddem '[m]inkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra' tal-istess artikolu; jiġifieri minkejja, fil-kuntest tagħna, l-artikoli 166A(5) u (6).

15. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni parzjalment.

**L-eċċezzjoni li r-rikors ġuramentat mhux ċar u li hu għalhekk null[10]**

16. Waqt it-trattazzjoni finali, l-avukat ta' MDM qal li l-azzjoni hi mibnija fuq l-artikolu 281 tal-Kap. 12. Dan ma jistax ikun minnu mhux biss għaliex MDM ma mxietx b'rikors skont l-imsemmi artikolu, imma iktar għaliex MDM qegħda tattakka t-titoli eżekuttivi li ottjeniet UNEC, u mhux tant l-atti eżekuttivi. It-talba biex 'jekk hemm bżonn' jitwarrbu l-atti sussegwenenti (inklużi dawk eżekuttivi) hi konsegwenzjali.

17. Ikollu jingħad li jekk anki l-avukat ta' MDM ma fehemx il-bażi tat-talba tal-klijenti tiegħu (għalkemm irid jingħad li hu ma kienx l-avukat li kien fassal ir-rikors ġuramentat), wieħed forsi jista' anki jifhem l-ilment ta' BBC u ta' UNEC li r-rikors ġuramentat mhux ċar biżżejjed.

18. B'danakollu, il-qorti ma tarax li r-rikors ġuramentat ma jinftiehemx, meta meqjus oġġettivament. MDM qegħda tgħid, għar-raġunijiet mfissra iktar 'l fuq, li UNEC ma kellhiex dritt li tmexxi skont l-artikolu 166A u li, f'kull każ, ma mxietx miegħu, bil-konsegwenzi li, skont il-każ tagħha, jsegwu. Jeżistix id-dritt li tmexxi kif imxiet, u għandhiex raġun fil-mertu huma, għall-finijiet preżenti, konsiderazzjonijiet irrelevanti.

**Kompetenza**

19. Permezz tar-raba' eċċezzjoni, UNEC tgħid li din il-qorti mhix kompetenti biex tisma' u taqta' din il-kawża. Dan hu għaliex l-artikolu 166A(5) jgħid li hi l-Qorti tal-Maġistrati

---

[10] Ara 489/1998 *Malta Development Corporation v Paul Licari*, Prim'Awla, deċ 22 ta' April 2004 għal ġabra ta' ġurisprudenza.

(Malta) li għandha l-kompentenza esklussiva li tirrexxindi u tikkjara nulli titoli eżekuttivi miksubin skont l-istess artikolu.

20. Dan hu minnu, iżda limitatament sa fejn it-talba hi mibnija fuq waħda jew iż-żewġ kriterji mfissra fl-artikolu 166A(5). Iżda mhux minnu safejn it-talba hi mibnija fuq allegazzjoni li l-ittri uffiċjali ma ġewx notifikati fis-sitt xhur li jissemmew fl-artikolu 166A(7).

21. Għalhekk, il-qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni parzjalment.

**Nuqqas ta' ħlas tal-ispejjeż tal-kawża 1189/2020**

22. Bit-tieni eċċezzjoni tagħha, UNEC tgħid li ir-rikors huwa null peress li qabel ma giet istitwita l-kawza odjerna ma tħallsux id-drittijiet b'rabta ma' kawża oħra fuq l-istess mertu fl-ismijiet *MDM Costruzioni Generali SRL vs United Equipment Company (UNEC) Limited* (Rik Ġur 1189/20 GM).

23. Li ma ngħadx hu li dik il-kawża kienet dwar ittra uffiċjali waħda biss: dik li ġġib in-numru 150/2019. Għalhekk, kemm-il darba l-fatti huma kif tgħid UNEC, din l-eċċezzjoni tista' tolqot din il-kawża sa fejn hi dwar dik l-ittra uffiċjali partikulari.

24. Dwar il-fatti, hu ammess minn MDM li hi ma ħallsitx id-drittijiet qabel ma tressqet din il-kawża. Fil-fatt, sar attentat ta' ħlas mill-avukat Refalo, f'isem MDM, lill-avukat Meli 'in full and final settlement of your claim to fees in relation to the said case' (jiġifieri 1189/20) permezz ta' ittra li mhix datata imma li, miċ-ċekk mehmuż magħha, jidher li ntbagħtet f'Ġunju tas-sena 2024.[11] Waqt is-smigħ tad-19 ta' Novembru 2024, l-avukat Meli ddikjara li hu kien irrifjuta li jsarraf iċ-ċekk. Billi l-avukat Refalo ma kienx jaf b'dan ir-rifjut qabel dakinhar, hu ma kienx għadu f'qagħda li (validament) jiddepożita l-ammont fir-reġistru. Għalhekk kien talab żmien biex iressaq prova ta' tali depożitu; u kien ingħata sal-15 ta' Diċembru 2024 għal dan il-għan.

---

[11] Paġna 978 u 1136 - 1139

25. Billi prova ta' dan ma saritx, il-qorti ma tistax tista' tqis jekk id-depożitu, jekk sar, kienx jgħodd bħala ħlas u, jekk iva, jekk tali ħlas kienx jgħodd biex jegħleb l-eċċezzjoni. Għalhekk, din l-eċċezzjoni sejra tintlaqa' iżda limitatament għall-ittra uffiċjali bin-numru 150/2019.

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet:

a. il-qorti tieqaf milli tqis l-ewwel eċċezzjoni kemm ta' BBC u kif ukoll ta' UNEC;

b. tiċħad it-tieni eċċezzjoni ta' BBC u l-ħames eċċezzjoni ta' UNEC safejn l-ilment ta' MDM hu li hi ma ġietx notifikata bl-ittri uffiċjali u sa fejn trid li jitqiesu l-effetti tal-istess nuqqas; u tilqagħhom għall-bqija;

c. tiċħad it-tielet eċċezzjoni kemm ta' BBC u kif ukoll ta' UNEC;

d. tilqa' r-raba' eċċezzjoni ta' UNEC sa fejn it-talbiet huma biex il-qorti tirrexxindi u tiddikjara nulli l-ittri uffiċjali skont l-artikolu 166A(5) tal-Kap. 12, u tiċħadha għall-bqija; u

e. tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' UNEC limitatament fir-rigward tal-ittra uffiċjali 150/2019, u tiċħadha għall-bqija.

Spejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur